MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2004

Numru 780/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Paul Camilleri**

v

**NAZZARENO GRECH**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **NAZZARENO GRECH** ta’ sebgha w hamsin sena iben George u Michelina nee Cordina, imwieled il-Belt Valletta nhar l-ghoxrin ta’ Marzu, 1945 u residenti 80, Flat 7, Triq Merkanti, il-Belt Valletta u detentur tal-karta tal-identita` numru 319845M gie imressaq quddiemha akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer bejn l-hmistax ta' Marzu 1994 u t-tmienja ta' Novembru 1999 wkoll wara nzul ix-xemx, b’diversi azzjonijiet maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda,

1. ikkommetta serq ta' dawl elettriku fl-ammont ta' aktar minn mitt lir amaltin izda inqas minn elf lira maltin mill-fond numru 80, Flat 7, Triq Merkanti, il-Belt Valletta ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bl-ammont;

2. talli fl-istess zmien u cirkostanzi ghamel hsara fil-makkinarju u gumni tal-elettriku jew ikkaguna telf ta' kurrent tal-elettriku w ghamel hsara jew kisser xi parti mill-meter tal-elettriku jew sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew gumni uzati fil-provvista tal-elettriku jew sigilli tieghu.

Il-Qorti hija wkoll mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat ghoxrin ta' Settembru 2002 esibit f'dawn l-atti a fol 11 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Semghet lil Ufficjal Prosekutur jghid li ma kellux aktar provi xi jressaq in konnessjoni mal-akkuzi odjerni u lil Avukat Difensur u lil Ufficjal Prosekutur jittratta l-kawza fis-seduta tat-tnax ta' Jannar 2004.

Ikkunsidrat:

Illli mix-xhieda ta' **Silvio Decelis** rappresentant tal-Korporazzjoni Enemalta li **xehed nhar l-hdax ta' Gunju 2003**, jirrizulta li l-Korporazzjoni Enemalta giet misruqa is-somma ta' tlett mija tlieta w ghoxrin lira maltin u tmintax il-centezmu, rapapresentanti uzu llecitu ta' konsum ta' elettriku.

Jirrizulta mill-atti b'mod partikolari mir-*record of consumption* esibit a fol 44, li mit-tlieta w ghoxrin ta'

Ottubru 1993 sal-erbatax ta' Frar 2001, il-meter in kwistjoni kien registrat f'isem l-imputat Nazzareno Grech.

Issa minn ezami tas-*surprise inspection* maghmul fit-tmienja ta' Novembru 1999, jirrizulta li l-meter account number 030 135290 kien ilu registrat f'isem l-imputat mit-tlieta ta' Settembru 1986.

**Xehdu wkoll Mario Cassar u Louis Scerri** li huma fitters mal-Korporazzjoni Enemalta kemm fl-atti tal-inkjesta relattiva kif wkoll viva voce l-Qorti fejn ikkonfermaw li waqt spezzjoni li ghamlu ghall-gharrieda fil-fond fuq indikat irrizulta s-segwenti:

a. Illi l-meter in kwistjoni kien tal-ghamla Krizik numru 3807809 u li kien qed jirregistra qari;

b. Illi dan il-meter kien jinstab fil-cupboard flimkien ma disgha meters ohra pero mhux imsakkar b'xi cavetta;

c. Sigilli homor ma kellux u kien fih zewg toqbiet fejn xulxin fuq il-lemin tal-cover inti w thares lejn il-meter, xi zewg centimetri 'l isfel mid-diska; u li

d. Kien hemm brix fid-diska.

Illi a bazi ta' dawn il-mankanzi kienu hargu l-presenti imputazzjonijiet kontra l-imputat, li f'kazijiet bhal dawn hemm presunzjoni kontra tieghu stabbilit mill-ligi u hu l-oneru tal-imputat li ghandu jipprova l-kuntrarju.

Illi bhala fatt irrizulta li ma hemmx dubbju li 'l fuq imsemmija mankanzi jew difetti kienu jesiztu li bhsala konsegwenza taghhom l-konsum tad-dawl ma kienx qed jigi registrat regolarment u b'hekk kien hemm telf ta' dawl stmat fis-somma ta' tlett mija tlieta w ghoxrin lira u tmintax il-centezmu kif stqarr l-istess Silvio Decelis.

Issa jekk wiehed jara l-artikolu 264(2) tal-Kodici Kriminali isib li l-ligi trid li fil-kaz ta' ksur ta' fili jew gumni tas-servizz

elettriku jew tal-meters taghhom, jew li bihom wiehed jista jkollu l-uzu jew konsum legittimu ta' dan il-kurrent elettriku jew li bihom jista jwaqqaf jew ibiddel l-kejl jew marka fil-meter tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata, jitqies, sakemm ma jigix ppurvat il-kuntrarju, bhala prova li d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn ikun jinstab dawk il-kawzi jew mezzi qarrieqa, jaf jew taf b'dan l-uzu jew konsum ta' elettriku.

Hu evidenti li dan is-subartikolu johloq presunzjoni ta' dolo *iuris tantum* li ghandha tipprevali jekk ma jigix ppruvat l-kuntrarju.

Ma dan pero l-Qorti trid tosserva li l-ligi ma tippostjax l-oneru tal-prova tal-innocenza tal-imputat fuqu.  L-oneru jibqa dejjem fuq il-Prosekuzzjoni li ghandha favuriha l-presunzjoni msemmija li pero tista tigi newtralizzata b'xhieda u provi ohra tal-istess Prosekuzzjoni.

**L-imputat offra li jaghti x-xhieda tieghu** f'dawn il-proceduri u bil-gurament tieghu stqarr b'mod ripetittiv u konsistenti hafna li huwa ma jaf xejn dwar dan l-allegat tbaghbis.

**Nhar l-ghaxra ta' Dicembru 2003, huwa spjiega** li kien ilu jghix fil-fond in dezamina ghal dawn l-ahhar hamsa w ghoxrin sena u l-post huwa mikri lilu mill-Gvern.

Huwa stqarr li l-meter in kwistjoni jinsab f'entrata tal-blokk ta' appartamenti f'cupboard li ma jissakkarx flimkien ma meters tal-flats l-ohra.  Huwa qal li darba fost l-ohrajn, waqt li kien sejjer d-dar gie mwaqqaf minn xi persuna tal-Enemalta li staqsih fejn kien l-meter tieghu u hu qallu lli kien wiehed minn dawk ta' fuq.  Ir-rappresentant qallu li kellu c-cajt u wara nfethet l-inkjesta relattiva.  Huwa qal li kien jghix mal-mara u t-tifla tieghu, li access ghal meter kulhadd kellu u li qatt ma ra lil xi hadd jbaghbas fil-meter, ghaliex kieku ma kienx jhallih.

Wara dan il-kaz huwa qabbad persuna sabiex taghmel cupboard ghal dawn il-meters li jissakkar u fil-fatt esibixxa r-ricevuta tal-hlas li ghamel in konnessjoni ma dan.

Huwa ppresenta wkoll l-file tal-kontijiet tieghu sa mill-bidu nett li beda jhallas u cioe mill-ghoxrin ta' Awissu 1987 sa Gunju 2003.

Minn ezami ta' dawn il-kontijiet jirrizulta li huwa dejjem hallas l-kontijiet ftit granet wara li jkun ircevihom u li l-kontijiet dejjem kellhom ammont differenti.

Illi din ili-Qorti hija moralment konvinta mill-versjoni tal-imputat u m'ghandha ebda dubbju li l-imputat ma kellux x'jaqsam mal-istat ta' kif kien instab l-meter mill-haddiema tal-Korporazzjoni Enemalta nhar t-tmienja ta' Novembru 1999.

Il-Qorti thoss li b'dak li xehed l-imputat waqt dawn il-proceduri rnexxilu jgheleb l-presunzjoni kontra tieghu fuq riferita bhala *registered consumer* u ghalhekk qed taccetta dak li qal.

Illi l-Qorti rat l-komportament tal-imputat waqt li kien qed jixhed fuq il-pedana quddiemha viva voce, rat l-imgieba tieghu u l-konsistenza f'dak li ddepona u thoss li fic-cirkostanzi l-Prosekuzzjoni m'irnexxilix tipprova l-akkuza fil-konfront tieghu u cioe li kien hu li baghbas dan il-meter u konsegwentement seraq kurrent elettriku ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

**Ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 18, 264(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li ma ssibx lill-imputat NAZZARENO GRECH hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu, u tilliberah minnhom.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni biex tikkundannha lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-periti nominati f'dawn il-proceduri ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti rat illi dawn gew nominati fi stadju ta’ inkjesta u mhux waqt il-kumpilazzjoni u ghaldaqstant tali talba qieghda tigi michuda anke in linea ma dak li gie deciz fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Trevor Farrugia datata sittax ta’ Jannar, 1998.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------